# Tajr tal-priża segwit bil-GPS jisparixxi hekk kif jasal Malta

## Astun Iswed mir-Repubbblika Ċeka, Kuċċarda meħlusa wara riabilitazzjoni u Ajkla tat-Tikek b'ċurkett tal-kulur fost l-għasafar li kienu qed jiġu studjati li sparixxew fuq Malta fl-aħħar jiem, hekk kif il-kaċċa illegali fuq l-art u mill-baħar tkompli tħalli l-effett tagħha fuq speċi protetti

Hekk kif l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa qed ikompli, issa anke bil-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fuq il-baħar mill-1 ta' Ottubru, tagħrif miġbur minn BirdLife Malta fl-aħħar jiem jindika persekuzzjoni kontinwa u bla limitu fil-konfront ta' speċi li jgawdu protezzjoni għolja kemm mill-art kif ukoll fuq il-baħar, fl-istess ħin li r-riżorsi marbutin mal-infurzar mhux qegħdin ilaħħqu mar-rapporti li qed jidħlu. Fost l-ispeċi li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali fl-aħħar ġimagħtejn hemm Ajkli tat-Tikek, Ajkla Bajda, Ċikonji Suwed, Astuni Suwed u Kuċċard.

Fl-aktar każ riċenti li jkompli juri b'mod ċar l-impatt internazzjonali li l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa li għaddej bħalissa qed ikollu fuq speċi Ewropej, Astun Iswed li faqqas fir-Repubbblika Ċeka li kien qed jiġi segwit bil-GPS ma baqax jittrażmetti wara li passa lejn Malta. L-għasfur, bil-kodiċi OT-093, kien wieħed minn żewġ Astuni Suwed frieħ li ġew salvati mill-bejta qrib il-belt ta' Ostrava fil-Grigal tar-Repubbblika Ċeka, wara li ġew abbandunati mill-ġenituri. Dilettant lokali salvahom u ħadhom f'ċentru tas-salvataġġ, fejn ġew imrobbija sakemm laħqu l-età li jtajru. Aktar tard tpoġġew f'bejta ta' żewġt ifrieħ oħra fix-Xlokk tar-Repubbblika Ċeka, bl-erbat ifrieħ kollha jitwaħħlulhom GPS transmitters li jaħdmu bl-enerġija mix-xemx sabiex tkun tista' tiġi studjata l-passa tagħhom mill-Università tax-Xjenzi Veterinarji ta' Brno.

OT-093 beda l-vjaġġ tal-passa tiegħu fit-23 ta' Settembru fid-direzzjoni tal-Lbiċ lejn l-Awstrija, l-Ungerija, is-Slovenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, u l-Kroazja. Qasam il-Baħar Adrijatiku fid-29 ta' Settembru u baqa' jtir fid-direzzjoni tan-Nofsinhar sal-aħħar lejl tiegħu fin-naħa t'isfel ta' Sqallija fit-2 ta' Ottubru. Fit-3 ta' Ottubru kompla fid-direzzjoni tan-Nofsinhar fi triqtu

lejn Malta, u tar minn fuq Għawdex fis-2:30pm, sakemm siegħa wara wasal fl-inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli, fejn niżel biex jorqod fis-siġar fil-Fawwara. L-għada filgħodu t-trażmissjoni waqfet ħesrem.

Dan hu t-tieni każ f'ġimgħa ta' għasfur li kien qed jiġi segwit u li sparixxa f'Malta. Aktar kmieni nhar it-Tnejn, Kuċċarda li kienet waslet Malta fil-15 ta' Settembru għajjiena mejta mill-vjaġġ tal-passa tagħha u spiċċat f'appartament f'Tal-Pietà, inħelset lura fin-natura fuq Kemmuna, wara perjodu qasir ta' riabilitazzjoni f'idejn BirdLife Malta li matulu ħadet lura saħħitha biex tkun tista' tkompli tpassi. Malli nħelset fit-2 ta' Ottubru, it-tajra taret fid-direzzjoni tan-Nofsinhar lejn il-Buskett, u kompliet nieżla aktar 'l isfel waranofsinhar, sakemm waqfet tittrażmetti għall-ħabta tal-4:30pm fil-limiti ta' Birżebbuġa. Fiż-żewġ każi t-trackers li kellhom l-għasafar jidher li ġew meqruda malli l-għasafar inqatlu.

Il-ħidma ta' konservazzjoni min-naħa tal-istaff ta' BirdLife Malta, birdwatchers u voluntieri biex nippruvaw nipproteġu speċi bħal dawn matul l-aħħar jiem kienet biċċa xogħol iebsa. Dan minħabba l-passa tajba li kien hawn ta' speċi rari ta' għasafar li normalment jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali għal skopijiet ta' bbalzmar, bħalma huma Ċikonji Suwed u Bojod, u diversi speċi ta' ajkli – l-Ajkla tal-Kalzetti, l-Ajkla Bajda u l-Ajkla tat-Tikek. Timijiet ta' voluntieri li kienu qed jipparteċipaw fir-Raptor Camp annwali tagħna kellhom rwol importanti fis-sorveljanza tal-movimenti ta' għasfar rari bħal dawn – ħafna drabi jassistu tim wieħed biss ta' pulizija assenjat fuq każi ta' illegalitajiet tal-kaċċa.

Għall-bidu, pereżempju, l-isforzi tagħna biex insegwu Ajkla Bajda kienu suċċess, b'għasfur wieħed jirnexxilu jkampa żewġt iljieli f'Malta minkejja li ppruvaw jisparaw fuqu. L-għasfur kompla jpassi minn fuq il-baħar fl-1 ta' Ottubru, imma xorta spiċċa jiġi segwit minn dgħajsa bil-kaċċaturi, li ġew iffilmjati jisparaw fuqu u jniżżluh bejn Malta u Filfla. Filmati ta' dan il-każ ġew mgħoddija lill-Environmental Protection Unit (EPU) tal-Korp tal-Pulizija, u bdiet investigazzjoni biex jinqabdu s-suspettati.

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara kkummenta: "Huwa ċar li għaddej staġun miftuħ għal speċi li tipikament huma mfittxija għall-kollezzjonijiet tal-ibbalzmar, u dan qed jiġri mhux biss fuq l-art imma anke fuq il-baħar, hekk kif ħafna qed jieħdu vantaġġ mir-riżorsi dgħajfa tal-pulizija fuq l-art, u n-nuqqas assolut ta' riżorsi fuq il-baħar."

L-istaġun tal-kaċċa fuq il-baħar ifisser aktar minn 290 kaċċatur liċenzjat fuq id-dgħajjes biex jiġru wara l-għasafar tal-passa fuq baħar miftuħ 3 km 'il barra mill-kosta. Proposta tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) li hemm quddiem il-Kumitat ORNIS li se jiltaqa'

għada, qed tipproponi li din id-distanza titnaqqas għal 1 km, biex il-kaċċaturi jkunu jistgħu jersqu eqreb lejn il-kosta. Din hija mossa mhux meħtieġa li twassal biss għall-qerda ta' aktar għasafar protetti li forsi wara li jkun irnexxielhom jeħilsuha mill-istaġun attwali tal-qtil tal-għasfar f'Malta, jispiċċaw xorta waħda fil-mira tal-kaċċa anke fuq il-baħar, fejn l-infurzar huwa aktar diffiċli.

L-inċident tal-Ajkla Bajda mhux każ iżolat, b'Ajkla tat-Tikek b'ċurkett tal-kulur li dehret fuq il-Buskett nhar is-Sibt ukoll spiċċat maqtula fil-viċinanzi wara li numru ta' birdwatchers ippruvaw jieħdu ritratti taċ-ċurkett li kienet liebsa sabiex tkun stabbilita l-oriġini tagħha. Sa issa l-ebda informazzjoni dwar minn fejn oriġinat din l-ajkla mhi magħrufa.

BirdLife Malta tappella lill-pubbliku biex jersaq 'il quddiem b'kull tagħrif li jista' jkollu dwar inċidenti bħal dawn ħalli jassisti lill-pulizija fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fl-infurzar tal-illegalitajiet tal-kaċċa. Ir-rapporti jistgħu jsiru bit-telefon lill-EPU fuq 119, u lilna fuq 2134 7645/7925 5697 jew permezz ta' email lil info@birdlifemalta.org.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-oYtHTXajen**

1. GPS track tal-Astun Iswed li faqqas fir-Repubblika Ċeka
2. Ritratt mill-bogħod tal-Astun Iswed bil-GPS fuq il-Buskett
3. L-aħħar pożizzjoni magħrufa tal-Astun Iswed mir-Repubblika Ċeka fejn niżel biex iqatta' l-lejl fis-siġar fil-Fawwara
4. Astuni Suwed orfni fil-bejta_Università tax-Xjenzi Veterinarji, Brno
5. Il-ferħ ta' Astun Iswed orfni meta ddaħħal għall-kura_ Università tax-Xjenzi Veterinarji, Brno
6. OT-093 u l-frieħ ħutu l-oħra qed jitwaħħlulhom transmitters tal-GPS li jaħdmu bl-enerġija mix-xemx f'Lulju 2023_ Università tax-Xjenzi Veterinarji, Brno
7. OT-093 u ħutu fil-11 ta' Lulju 2023_ Università tax-Xjenzi Veterinarji, Brno
8. Il-Kuċċarda li nħelset fuq Kemmuna wara r-riabilitazzjoni fit-2 ta' Ottubru 2023_Anoine Monnier
9. Track tal-Kuċċarda meħlusa fuq Kemmuna fit-2 ta' Ottubru 2023_BirdLife Malta
10. L-Ajkla Bajda fil-Buskett li nqatlet fuq il-baħar_Ian Balzan
11. L-Ajkla tat-Tikek biċ-ċurkett tal-kulur ftit qabel ma nqatlet_David Attard